TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur**

Graziella Calleja

vs

Catherine Guzman. At Hair Majesty.

CCT 133/16/MS

Illum, 28 ta' Novembru 2016

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat mir-rikorrenti fl-24 ta' Gunju 2016 fern talbet ir-rifuzjoni ta' 300 (tlett mitt Euro) bhala parti mill-flus imhallsa ghall-kors ta' *hairdressing*, liema kors skond ir-rikorrenti ma kienx sodisfacenti.

Ra r-risposta tas-26 ta' Settembru 2016 fejn l-intimata irrifjutat l-allegazzjoni tar-rikorrenti bhala infondat u minghajr bazi legali. Kienet l-istess rikorrenti li ma hallsitx l-ammont intier tal-kors u minkejja li l-intimata ghamlet minn kollox sabiex tikkuntenta lir-rikorrenti, dina baqghet tippersisti li ma kenitx kuntenta u li l-kors ma lahaqx il-livell mixtieq.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra

Illi l-intimata hija *professional hairdresser* u toffri course tal-*hairdressing* ghall-ammont ta' elf u mitejn Euro (imnaqqas minn elf u sitt mija). Il-kors jikkonsisti f'tnejn u tletin lezzjoni - sitta teorija u l-kumplament prattika. Meta l-istudenti jispiccaw it-teorija l-intimata ttihom *kit* ghall-uzu taghhom li b'kollox jiswa €607.83 (ara Dok KS).

Illi rrizulta li r-rikorrenti applikat ghal dan il-kors. Hallset sitt mitt Euro (€600) mal-applikazzkoni u mitejn Euro (€200) aktar tard u ghalhekk kien ghad fadlilha bilanc ta' hames mitt Euro xi thallas (€500). Jidher illi r-rikorrenti ma tantx integrat sew f'dan il-kors u bdiet tilmenta ta' spiss bhal per ezempju ghax ma ssibx mudelli fuq x'hiex tahdem jew inkella nuqqas ta' supervizjoni kif ukoll nuqqas ta' risposti ghal domandi li kienu jiriflettu procedura avvanzata li ma kienux ikunu koperti b'dan il-B*eginners' course* li hallset ghalih.

Irrizulta pero li l-kors ghamlitu kollu minkejja illi ma hallsitx l-ammont shih tieghu. Madankollu l-intimata ma keccithiex u kienet taghmel minn kollox sabiex tirrispondi d-domandi li kienet taghmlilha. Ir-rikorrenti tghid li kienet l-ghazla taghha biex ma tmurx aktar peress illi dehrilha illi kienet qed tahli z-zmien.

Ir-rikorrenti spjegat illi wasslet ghac-cifra ta' tlett mitt Euro (€300) fit-talba, ghaliex, tajjeb jew hazin, attendiet ghal dan il-kors ghall-hames xhur pero baqghet minghajr certifikat u ma tistax tahdem bhala *hairdresse*r.

Ikkunsidra

Illi jidher ovvju illi kien hemm konflitt ta' personalita' bejn ir-rikorrenti u l-intimata fejn ir-rikorrenti kienet forsi qed tippretendi hafna aktar mill-kors milli dak li effettivament rceviet. Ir-rikorrenti kienet taf illi dan kien *beginners' course* u allura certa teknica avanzata ma kenitx ser tigi mghallma f'dan il-kors. Madankollu jidher illi ppretendiet li tibqa' tiga mghallma *techniques* u mizuri avvanzati u meta l-intimata naqqset illi taghmel dan ir-rikorrenti hadet ghaliha u bdiet tilmenta mill-kors u l-procedura adottata mill-intimata.

Ir-rikorrenti ma gabet l-ebda prova illi dan il-*beginners' course* ma laqahx il-livell tieghu bhala beginners. Lanqas ma ngabet prova illi l-intimata naqset illi tghallem xi haga li kien pattwit fil-bidu tal-kors. Ir-rikorrenti bbenefikat mill-ghoti tal-*kit* bhal kull studenta ohra minkejja li ma hallsitx l-ammont shih tal-kors. Fil-fatt jidher li l-ammont li hallset kien mitejn Euro aktar mill-valur tal-*kit*. U b'dawn il-mitejn Euro attendiet ghall-kors kollu minkejja l-ilmenti kontinwi taghha illi ma kenitx qed titghallem bizzejjed.

Ma hemm l-ebda prova li dan il-kors kien fih xi nuqqas anke mill-lat tat-taghlim. Studenti ohra bhal Theresa Tamas u Juliette Mucklow li xehdu f'dawn il-proceduri kienu sodisfatti bil-kors. Ghamlu l-ezami, ghaddew u gew certifikati. Jekk ir-rikorrenti baqghet minghajr certifikat, dana kien dovut ghall-zewg ragunijiet principali - l-ewwel ghax ma hallsitx ghall-kors kollu u t-tieni ghax ma qaghditx ghall-ezami.

Sabiex ir-rikorrenti jkollha success fil-kawza taghha dina trid tipprova, almenu fuq bazi ta' probabbilita li kien hemm xi difett jew mankament f'dan il-kors jew li l-intimata ma kenitx ghalliema tajba. Dan bl-ebda mod ma rrizulta. Anzi rrizulta l-oppost - li Catherine Guzman ghamlet minn kollox biex tissodisfa lir-rikorrenti, kienet pacenzjuza u kienet l-istess rikorrenti li ghamlet il-hajja difficli ghaliha nnifisha u kif qalet l-istess intimata, b-attitudni bhal din qatt ma kienet ser tkun 'happy'.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru